# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, it-Tlieta 15 ta' Mejju, 2001.

Kawza Nru. 27.
Citazz. Nru. 2089/00 JRM

**LADA MOTORS LIMITED**

**vs**

**Sandro GRIMA**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elfejn, hames mija disgha u tletin liri maltin u sebgha u tmenin centezmu ( Lm2539.87), import ta' kambjali minnu accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali jinsabu hawn annessi u markati Dokumenti "1" sa "39";

Illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, hames mija disgha u tletin liri maltin u sebgha u tmenin centezmu ( Lm2539.87), import ta' kambjali minnu accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux;

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittra ufficjali, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, hames mija disgha u tletin liri maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm2539.87), import ta' kambjali minnu accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux, bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittra ufficjali, kontra l-konvenut.

*15 ta' Mejju, 2001.*

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**15 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Mejju, 2001.**